



Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni

ISSN 1831-1636

REVIŻJONI ANNWALI TAS-SIGURTÀ 2007

REVIŻJONI ANNWALI TAS- SIGURTÀ 2007

WERREJ

04		SOMMARJU EŻEKUTTIV
05	1.0	INTRODUZZJONI
05	1.1	Sfond
05	1.2	Ambitu ta' applikazzjoni
06	1.3	Kontenut tar-rapport
07	2.0	ŻVILUPP STORIKU TAS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI
10	3.0	TRASPORT KUMMERĊJALI BL-AJRU
10	3.1	Ajruplani
10	3.1.1	Inċidenti fatali
11	3.1.2	Rati ta' inċidenti fatali
12	3.1.3	Inċidenti fatali għal kull tip ta' operazzjoni
14	3.1.4	Kategoriji ta' inċidenti
16	3.2	Ħelikopters
16	3.2.1	Inċidenti fatali
17	3.2.2	Inċidenti fatali għal kull tip ta' operazzjoni
18	3.2.3	Kategoriji ta' inċidenti
21	4.0	AVJAZZJONI ĠENERALI U XOGĦOL FL-AJRU, INĠENJI TAL-AJRU BI MTOM AKTAR MINN 2 250 KG
23	4.1	Kategoriji ta' inċidenti — Avjazzjoni ġenerali
23	4.2	Kategoriji ta' inċidenti — Xogħol fl-ajru — Ajruplani
25	4.3	Avjazzjoni għal negozju — Ajruplani
26	5.0	INĠENJI TAL-AJRU ĦFIEF (MASSA INQAS MINN 2 250 KG)
27	5.1	Inċidenti fatali
28	5.2	Kategoriji ta' inċidenti
30	6.0	AZZJONIJIET MEĦUDA MILL-AĠENZIJA FIL-QASAM TAS-SIGURTÀ
30	6.1	Standardizzazzjoni
31	6.2	Ċertifikazzjoni
32	6.3	Regolamentazzjoni
34	6.4	SAFA
35	6.5	Inizjattiva Strateġika Ewropea għas-Sigurtà (ESSI)
35	6.5.1	Timijiet għas-sigurtà tal-ESSI
38		APPENDIĊI
38		Appendiċi 1: Osservazzjonijiet ġenerali dwar il-kwalità u l-ġbir ta' dejta
39		Appendiċi 2: Definizzjonijiet u akronimi
41		Appendix 3: List of figures and tables
42		Appendiċi 4: Lista ta' inċidenti fatali (2007)
45		ĊAĦDA

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Is-sena 2007 kienet waħda tajba f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa. In-numru ta' inċidenti fatali fit-trasport kummerċjali bl-ajru niżel minn sitta fl-2006 għal tlieta fl-2007 u huwa wieħed mill-aktar baxxi f'dan id-deċennju. Fl-2007, ħamsa fil-mija biss tal-inċidenti kollha fit-trasport kummerċjali bl-ajru madwar id-dinja li seħħew b'ajruplani rreġistrati fi Stat Membru tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA). Ir-rata ta' inċidenti fatali tal-operazzjonijiet skedati tal-passiġġieri hija ferm aktar baxxa fl-Ewropa milli hija fil-bqija tad-dinja. In-numru ta' inċidenti fatali f'operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru permezz tal-ħelikopters fl-Ewropa ukoll naqsu minn erbgħa fl-2006 għal wieħed fl-2007.

In-numru ta' inċidenti fatali għax-xogħol fl-ajru u għal operazzjonijiet ġenerali tal-avjazzjoni bl-ajruplani u l-ħelikopters baqa' relattivament stabbli. It-telf tal-kontroll fit-tajran' (LOC-I) hija l-aktar kategorija ta' inċidenti frekwenti għal dan it-tip ta' operazzjonijiet. Jidher li kwistjonijiet tekniċi għandhom rwol ħafna iżgħar.

Għat-tieni darba, l-Aġenzija gābret dejta dwar l-inċidenti għal inġenji tal-ajru ħfief (b'piż inqas minn 2 250 kg) mill-Istati Membri tal-EASA. Kollox ma' kollox, in-numru ta' inċidenti f'din il-kategorija ta' inġenji tal-ajru kien inqas miċ-ċifri tal-2006. Madankollu, l-Aġenzija tara l-ħtieġa li tkompli ttejjeb l-armonizzazzjoni tal-ġbir tad-dejta u l-qsim tad-dejta fost l-Istati.

Ir-*Reviżjoni annwali tas-sigurtà* toffri wkoll ħarsa ġenerali tal-miżuri ta' sigurtà fl-avjazzjoni meħuda fid-Direttorati differenti tal-EASA. Id-Direttorat taċ-Ċertifikazzjoni huwa responsabbli għall-ajrunavigabilità inizjali u kontinwa ta' prodotti, partijiet u apparat ajrunawtiku. Id-Direttorat tar-Regolamentazzjoni qiegħed jabbozza regolamenti ġodda jew emendi għar-regolamenti eżistenti sabiex jassigura li jkun hemm standards għoljin fis-sigurtà tal-avjazzjoni komuni fl-Ewropa. Fid-Direttorat tal-Istandardizzazzjoni tiġi mmonitorjata l-konformità ma' dawn ir-regoli.

L-EASA ilha mill-1 ta' Jannar 2007 responsabbli għall-ġestjoni u l-iżvilupp ulterjuri tad-*database* dwar il-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà ta' Inġenji tal-Ajru Barranin (SAFA). Għalhekk, id-*database* kienet trasferita b'suċċess mill-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunti (JAA) lill-Aġenzija u jitwettqu analiżijiet regolari.

L-Inizjattiva Strateġika Ewropea għas-Sigurtà (ESSI) għamlet progress konsiderevoli fl-2007. Filwaqt li kienet ikkonsolidata l-ħidma fiż-żewġ sottogruppi diġà mwaqqfa, it-Tim Ewropew għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Kummerċjali (ECAST) u t-Tim Ewropew għas-Sigurtà tal-Ħelikopters (EHES), ġie mniedi t-tielet pilastru tal-inizjattiva. Il-laqgħa tal-fondazzjoni tat-Tim Ewropew għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ġenerali (EGAST) saret f'Ottubru 2007 b'aktar minn 60 parteċipant. L-għan ta' dan it-tim huwa li jippromwovi s-sigurtà, itejjeb il-ġbir u l-analiżi tad-dejta, kif ukoll jaqsam l-aħjar prattiċi fost il-komunità mxerrda tal-avjazzjoni ġenerali.

1.0 INTRODUZZJONI

1.1 Sfond

It-trasport bl-ajru huwa wieħed mill-aktar mezzi sikuri tal-ivvjaġġar. Minħabba li t-traffiku tal-ajru kull ma jmur qiegħed ikompli jikber, hemm bżonn ta' inizjattiva komuni fil-livell Ewropew biex it-trasport bl-ajru jinżamm sikur u sostenibbli. L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) hija l-fulkru tal-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-sigurtà fl-avjazzjoni. L-Aġenzija tiżviluppa regoli komuni relatati mas-sigurtà u l-ambjent fuq livell Ewropew. Barra minn hekk, hija timmonitorja l-implimentazzjoni tal-istandards permezz ta' spezzjonijiet fl-Istati Membri u tipprovdi riċerka, taħriġ u kompetenza teknika. L-Aġenzija taħdem flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali li jkomplu jwettqu kompiti operattivi bħal; il-ħruġ ta' Ċertifikati ta' Ajrunavigabilità għal inġenji tal-ajru individwali u l-ħruġ ta' liċenzji għall-piloti.

Dan id-dokument huwa ppubblikat mill-EASA sabiex jgħarraf lill-pubbliku dwar il-livell ta' sigurtà ġenerali fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili. L-Aġenzija tipprovdi din ir-reviżjoni fuq bażi annwali kif mitlub mill-Artikolu 15(4) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008. L-analiżi tal-informazzjoni rċevuta minn attivitajiet ta' superviżjoni u infurzar tista' tiġi ppubblikata separatament.

1.2 Ambitu ta' applikazzjoni

Din ir-*Reviżjoni tas-sigurtà annwali* tippreżenta statistika dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa u madwar id-dinja. L-istatistiċi jinqasmu skont it-tip ta' operazzjoni, pereżempju trasport kummerċjali bl-ajru, u kategorija ta' inġenji tal-ajru, bħal ajruplani, elikopters u glajders.

L-Aġenzija kellha aċċess għall-informazzjoni statistika u relatata mal-inċidenti miġbura mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO). L-Istati huma mitluba, skont l-Anness 13 tal-ICAO 'Investigazzjoni ta' inċidenti u inċidenti bl-inġenji tal-ajru', biex jirrapportaw lill-ICAO informazzjoni dwar inċidenti u inċidenti serji fuq inġenji tal-ajru b'massa massima għat-tluġh (MTOM) ta' aktar minn 2 250 kg. Għalhekk, ħafna mill-istatistiċi f'din ir-reviżjoni jikkonċernaw inġenji tal-ajru b'massa akbar minn din. Minbarra d-dejta tal-ICAO, saret talba lill-Istati Membri tal-EASA biex jiksibu dejta dwar l-inċidenti bl-inġenji tal-ajru ħfief għas-snin 2006 u 2007. Barra minn hekk, id-dejta dwar l-operazzjoni tal-inġenji tal-ajru għal trasport kummerċjali bl-ajru nkisbet kemm mill-ICAO u kif ukoll mill-Istitut NLR Air Transport Safety Institute.

F'din ir-reviżjoni, it-termini 'Ewropa' u l-'Istati Membri tal-EASA' huma meqjusa bħala s-27 Stat Membru tal-UE flimkien mal-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera. Ir-reġjun huwa assenjat fuq il-bażi tal-Istat tar-Reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru involut fl-inċident.

Fl-istatistiċi tingħata attenzjoni speċjali għall-inċidenti fatali. B'mod ġenerali, dawn l-inċidenti huma iddokumentati sewwa fuq livell internazzjonali. Jiġu ppreżentati wkoll figuri li jinkludu numri ta' inċidenti mhux fatali.

Meta mqabbla mar-rapporti preċedenti tal-2006 u l-2005, din ir-*Reviżjoni tas-sigurtà annwali* għandha aktar dejta dwar rati ta' inċidenti bl-ajruplani, ħelikopters u inġenji tal-ajru ħfief fl-Ewropa. Billi s-sorsi tad-dejta tjiebu, il-kontenut tar-reviżjonijiet annwali tas-sigurtà fil-futur se jkun iktar dettaljat.

1.3 Kontenut tar-rapport


Il-kapitolu 2 jippreżenta ħarsa ġenerali tal-iżvilupp storiku tas-sigurtà fl-avjazzjoni. Fil-kapitolu 3 qegħdin jiġu pprovduti statistiċi dwar operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru. Il-kapitolu 4 jipprovdi dejta dwar ix-xogħol fl-ajru u l-avjazzjoni ġenerali. Il-kapitolu 5 jkopri l-inċidenti ta' inġenji tal-ajru ħfief fl-Istati Membri tal-EASA.

Wieħed jista' jsib ħarsa ġenerali tad-definizzjonijiet u l-akronimi użati, kif ukoll informazzjoni addizzjonali dwar il-kategoriji tal-inċidenti fl-Appendiċi 2: Definizzjonijiet u akronimi.

2.0 ŻVILUPP STORIKU TAS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

L-ICAO ilha mill-1945 tippubblika rati ta' inċidenti għal inċidenti li jinvolvu vittmi fost il-passiġġieri (esklużi l-atti ta' interferenza illegali mal-avjazzjoni ċivili) għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali skedati. Iċ-ċifri hawn taħt huma bbażati fuq rati ta' inċidenti ppubblikati fir-Rapport annwali tal-Kunsill tal-ICAO. Ir-rati għas-sena 2007 huma bbażati fuq stimi preliminari.

FIGURA 1 Vittmi totali fost il-passiġġieri għal kull 100 miljun mil/passiġġier, operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali skedati, esklużi atti ta' interferenza illegali




Id-dejta fil-Figura 1 turi li s-sigurtà tal-avjazzjoni tgiebet mill-1945 'il quddiem. Fuq il-bażi tal-kalkolu tal-vittmi fost il-passiġġieri għal kull 100 miljun mil ta' tajran, kellhom jgħaddu madwar 20 sena (mill-1948 sal-1968) biex jinkiseb l-ewwel titjib b'għaxar darbiet, minn 5 għal 0.5. Titjib ieħor b'għaxar darbiet intlaħaq fl-1997, madwar 30 sena wara, meta r-rata waqgħet taħt 0.05. Huwa stmat li għas-sena 2007 din ir-rata waqgħet għal 0.014 vittmi għal kull 100 miljun mil ta' tajran.

Ir-rata tal-inċidenti f'din il-figura tidher li hija waħda fissa għas-snin reċenti. Dan huwa r-riżultat tal-iskala użata biex tirrifletti r-rati għolja rreġistrati fl-aħħar tal-erbgħinijiet.

Fir-Rapport annwali tal-Kunsill, l-ICAO tipproduċi wkoll rati ta' inċidenti għal inċidenti li jinvolve vittmi fost il-passiġġieri. Il-Figura 2 2 turi l-progress ta' din ir-rata tul l-aħħar 20 sena.

FIGURA 2 Rata kumplessiva ta' inċidenti li jinvolve vittmi fost il-passiġġieri għal kull 10 miljun titjira, operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali skedati, esklużi atti ta' interferenza illegali



Mill-1987 sal-1993, ir-rata ta' inċidenti li jinvolve vittmi fost il-passiġġieri f'operazzjonijiet skedati (esklużi atti ta' interferenza illegali) għal kull 10 miljun titjira tvarja minn 19 (1988) għal 21 (1993) mingħajr ma rreġistrat ebda titjib. Minn dik is-sena, ir-rata kompliet taqa' kontinwament sal-2003, fejn laħqet l-aktar valur baxx tagħha jgħifieri 3. Wara ż-żidiet fl-2004 u fl-2005, konformement man-numru dejjem jonqos ta' inċidenti fatali, fl-2007 r-rata niżlet għal erbgħa. Ta' min jinnota li r-rata ta' inċidenti għal operazzjonijiet skedati tvarja b'mod sinifikanti għal kull reġjun fid-dinja (Figura 3).

FIGURA 3 Rata ta' inċidenti fatali għal kull 10 miljun titjira għal kull reġjun fid-dinja (2000–07, operazzjonijiet skedati tal-passiġġieri u tal-merkanzija)



Il-Figura 3 turi r-rata medja ta' inċidenti fatali għal kull 10 miljun titjira mis-sena 2000 sal-2007, għal kull reġjun fid-dinja. Ir-reġjun tal-Amerika ta' Isfel jinkludi l-Amerika Ċentrali u l-Karibew. Ir-reġjuni tal-Amerika ta' Fuq, l-Ażja tal-Lvant u l-Istati Membri tal-EASA għandhom l-inqas rati ta' inċidenti fatali fid-dinja.

3.0 TRASPORT KUMMERĊJALI BL-AJRU

Dan il-kapitolu jirrevedi d-dejta ta' inċidenti fl-avjazzjoni għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru. Dawn l-operazzjonijiet jinvolve t-trasport ta' passiġġieri, merkanzija jew posta għal rimunerazzjoni jew kiri. L-inċidenti kkonċernati, li saru matul il-perjodu 1998–2007, jinvolve mill-inqas korriment fatali wieħed u ingenu tal-ajru b'massa massima għat-tluġh (MTOM) li jaqbeż l-2 250 kg. Dawn l-inġenji tal-ajru jistgħu jkunu ajruplani jew elikopters. L-inċidenti bl-inġenji tal-ajru ġew aggregati fuq il-bażi tal-Istat tar-Reġistrazzjoni. L-użu tal-marka tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru biex jiġi ddeterminat id-distribuzzjoni ġeografika tal-inċidenti għandu ċerti karatteristiċi. Pereżempju, inċidenti li jinvolve ingenu tal-ajru rreġistrati fi Stat Membru tal-EASA kienu inklużi, għalkemm l-inġenji tal-ajru kienu operati minn organizzazzjonijiet barra mill-ġurisdizzjoni ta' daww l-Istati.

3.1 Ajruplani

Biex jiġi ddeterminat il-livell ta' sigurtà huwa possibbli li jintużaw kriterji differenti, fosthom in-numru ta' inċidenti li jinvolve mill-inqas korriment fatali wieħed. L-inċidenti b'inġenji tal-ajru li jinvolve vittimi huma avvenimenti każwali u għaldaqstant in-numru jista' jvarja f'mod konsiderevoli minn sena għall-oħra.


TABELLA 1 Ħarsa ġenerali lejn in-numru totali ta' inċidenti u ta' inċidenti fatali għal ingenu tal-ajru rreġistrati fi Stati Membri tal-EASA.

Perjodu	Numru ta' inċidenti	Inċidenti fatali min-numru totali ta' inċidenti	Vittmi abbord	Vittmi fuq l-art
1996–2005 (medja)	31	6	79	1
2006 (total)	39	6	146	0
2007 (total)	34	3	25	1

3.1.1 Inċidenti fatali


Il-Figura 4 tippreżenta n-numru ta' inċidenti għall-ajruplani rreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u għal daww terzi (Stati mhux membri tal-EASA). Fir-rigward tal-ajruplani rreġistrati barra, in-numru ta' inċidenti fatali żdied minn 36 inċident fis-sena 2006 għal 54 inċident fl-2007. In-numru ta' inċidenti fl-2007 huwa ogħla mill-medja tad-deċennju (52) iżda mhuwix wieħed mill-ogħla fid-deċennju. It-tendenza għad-deċennju tindika li n-numru ta' inċidenti madwar id-dinja qiegħed jonqos.

In-numru ta' inċidenti fatali li jinvolve ingenu tal-ajru rreġistrati fl-Istati Membri tal-EASA naqas minn sitta fl-2006 għal tlieta fl-2007. In-numru ta' inċidenti fl-2007 huwa wieħed mill-aktar baxxi fid-deċennju, taħt sewwa l-medja ta' sitt inċident fatali fis-sena. In-numru ta' inċidenti li jinvolve ingenu tal-ajru rreġistrati fl-Istati Membri tal-EASA jirrappreżenta 5 % tan-numru totali ta' inċidenti madwar id-dinja li seħħew fl-2007.

FIGURA 4 Inċidenti fatali — Irregistrati barra u dawk irreġistrati fl-Istati Membri tal-EASA

3.1.2 Rati ta' inċidenti fatali

Sabiex wieħed ikun jista' jislet konklużjonijiet sinifikattivi min-numri assoluti ta' inċidenti ppreżentati fuq, in-numru ta' inċidenti fatali f'operazzjonijiet skedati ta' trasport bl-ajru kien ikkombinat man-numru ta' titjiriet magħmula minn operazzjonijiet bħal dawn. Dawn ir-rati jippermettu li jsir tqabbil tat-tendenzi tas-sigurtà, billi jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-livell tat-traffiku.

FIGURA 5 Rata ta' inċidenti fatali f'operazzjonijiet skedati tal-passiġġieri — reġistrazzjonijiet Stati EASA u barranin

Il-Figura 5 tipprovdi r-rata ta' inċidenti fatali għal kull 10 miljun titjira skedata tal-passiġġieri fuq medja tul perjodi ta' tliet snin.


Il-livell ta' sigurtà għal inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u li jwettqu operazzjonijiet skedati tal-passiġġieri huwa oġġla b'mod sinifikanti minn dak għall-bqija tad-dinja. Matul l-aħħar deċennju, ir-rata ta' inċidenti naqset minn medja ta' erbgħa għal tliet inċidenti għal kull 10 miljun titjira għall-Istati Membri tal-EASA.

Fil-Figura 5, huwa osservat li matul l-2001 ir-rata ta' inċidenti fatali żdiedet b'mod sinifikanti fuq il-medja tad-deċennju. Matul dik is-sena seħħew sitt inċidenti — li jinvolvu operazzjonijiet skedati tal-passiġġieri — li jirrappreżentaw aktar minn kwart tal-inċidenti kollha fid-deċennju. Dawn l-inċidenti kienu Britten-Norman Islander bi tmien vittmi, De Havilland DHC-6-300 b'20 vittma, Avro RJ100 b'24 vittma, Antonov An-28 b'żewġ vittmi, CASA CN-235 b'erba' vittmi u Boeing 777-200 b'vittma waħda. L-aħħar inċident involva vittma fuq l-art waqt ir-riforniment tal-fjuwil.


In-numru ta' inċidenti fatali mhux bilfors jagħti ħarsa ġenerali u komprensiva tal-livelli tas-sigurtà. Dan minħabba li inċident f'vittma waħda għandu l-istess piż daqs inċident li jinvolvi ħafna aktar vittmi.

3.1.3 Inċidenti fatali għal kull tip ta' operazzjoni

In-numru ta' inċidenti fatali jvarja skont it-tip ta' operazzjoni. Kif muri fil-Figura 6, Jidher li t-titjiriet ta' trasport kummerċjali bl-ajru għall-passiġġieri tad-dinja kollha (esklużi l-Istati Membri tal-EASA) huma involuti dejjem inqas fin-numru totali ta' inċidenti fatali. L-inċidenti għandhom tendenza issa li jikkonċerntraw ruħhom f'operazzjonijiet oħrajn ta' trasport kummerċjali bl-ajru, bħalma huma t-taxi bl-ajru jew 'ferry flights' (kategorija: oħrajn). Jidher li kważi terz tal-inċidenti kollha kienu jinvolvu operazzjonijiet b'inġenji tal-ajru taħt din il-kategorija. Ta' min jinnota li l-proporzjon ta' inċidenti f'din il-kategorija huwa oġġla b'mod sinifikanti mill-proporzjon ta' inġenji tal-ajru li jwettqu tali operazzjonijiet. It-tagħrif fuq in-numru ta' inġenji tal-ajru u t-tip ta' operazzjonijiet li għalihom jintużaw mhuwiex ipprovdut f'din ir-reviżjoni tas-sigurtà.

FIGURA 6 Inċidenti fatali skont it-tip ta' operazzjoni — Ajruplani rreġistrati f'pajjiżi terzi


Fil-każ tal-Istati Membri tal-EASA, l-inċidenti għal kull tip ta' operazzjoni jidhru li huma differenti, kif muri fil-Figura 7. In-numru żgħir ta' inċidenti jagħmel it-tip ta' operazzjoni, li matulha jkun seħħ inċident, bħala karatteristika kważi każwali. Madankollu, minkejja t-tnaqqis kostanti ta' inċidenti, għadhom iseħħu inċidenti matul l-operazzjonijiet ta' trasport bl-ajru għall-passiġġieri.

FIGURA 7 Inċidenti fatali skont it-tip ta' operazzjoni — Stati Membri tal-EASA

3.1.4 Kategoriji ta' inċidenti

L-assenjazzjoni tal-inċidenti taħt kategorija waħda jew kategoriji multipli tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ta' sigurtà partikolari. L-inċidenti fatali u dawk mhux fatali li jinvolve ingeni tal-ajru rreġistrati fl-Istati Membri tal-EASA li seħħew waqt operazzjonijiet kummerċjali ta' trasport bl-ajru kienu assenjati taħt kategoriji ta' inċidenti rilevanti. Dawn il-kategoriji huma bbażati fuq il-ħidma ⁽¹⁾ mwettqa mis-CICTT.

FIGURA 8 Kategoriji ta' inċidenti — Stati Membri tal-EASA




Kif muri minn fost il-kategoriji ta' inċidenti b'numru għoli ta' inċidenti fatali hemm is-CFIT (titjira kkontrollata għal ġol-art), LOC-I (telf tal-kontroll waqt it-titjira) u s-SCF-PP (ħsara jew ħidma ħażina ta' sistema/komponent tal-magna/powerplant).

Il-kategorija CFIT tinvolvi kollizzjoni mal-art jew ma' ostakoli mingħajr ebda telf ta' kontroll minn qabel. Fil-maġġoranza tal-inċidenti assenjati għal din il-kategorija kienu prevalenti kundizzjonijiet meteoroloġiċi avversi jew vizabilità limitata. Avvenimenti assenjati taħt il-LOC-I jinvolve t-telf tal-kontroll temporanju jew totali tal-inġenju tal-ajru mill-ekwipaġġ. Dan it-telf ta' kontroll jista' jkun ir-riżultat ta' tnaqqis tal-prestazzjoni mill-inġenju tal-ajru jew minħabba li l-inġenju tal-ajru ttajjar barra mill-kapaċitajiet għall-kontroll tiegħu.

¹ Is-CICTT żviluppa tassonomija komuni għal sistemi ta' rappurtaġġ ta' inċidenti u okkorrenzi. Aktar informazzjoni hija disponibbli fl-Appendiċi 2: Definnizzjonijiet u akronimi.

Il-kategorija SCF-PP tirreferi għal inċidenti kkawżati minn ħsara jew ħidma ħażina ta' sistema jew komponent tal-powerplant tal-inġenju tal-ajru. F'dan l-aħħar snin, il-kategoriji SCF-PP u SCF-NP (non-powerplant) ingħaqdu f'kategorija waħda għall-problemi tekniċi (TECH) sabiex tippermetti analiżi aktar fil-fond tal-andamenti għal kull kategorija.

FIGURA 9 Perċentwal ta' inċidenti assenjati fl-ogħla erba' kategoriji u fil-kategorija CFIT



Incident jista' jiġi assenjat f'aktar minn kategorija waħda, jiddependi min-numru ta' fatturi li jikkontribwixxu għall-inċident. Il-kategoriji bl-ogħla perċentwal ta' inċidenti assenjati huma RE (devjazzjoni mir-ranwej), TECH, ARC (kuntatt mhux normali mar-ranwej) u RAMP. L-inċidenti jiġu assenjati taħt il-kategorija ta' devjazzjoni mir-ranwej jekk waqt l-inċident l-inġenju tal-ajru jiżvija minn fuq il-wiċċ tar-ranwej. F'ħafna każijiet, id-devjazzjonijiet minn fuq ir-ranwej huma konsegwenzi f'inċidenti u għalhekk numru kbir ta' inċidenti jiġu assenjati f'din il-kategorija.

Il-kategorija ARC tinvolvi kuntatt mhux normali tal-qafas jew tal-ġwienaħ tal-inġenju tal-ajru mar-ranwej. Dan il-kuntatt mhux normali jista' jseħħ waqt l-inżul jew it-tluġh u jista' jkun ir-riżultat ta', fost l-oħrajn, it-tagħmir li jintuża għall-inżul ma jaħdimx sewwa. Għalkemm l-inċidenti fil-kategorija CFIT għandhom tendenza li dejjem tonqos, huma ppreżentati f'din ir-reviżjoni minħabba azzjonijiet ta' sigurtà relatati meħudin f'deċennji reċenti.

3.2 Ħelikopters

Is-sezzjoni li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali tal-inċidenti f'operazzjonijiet kummerċjali ta' trasport bl-ajru bil-ħelikopters (MTOM aktar minn 2 250 kg). B'mod ġenerali ma hemm ebda dejta ta' operazzjoni komprensiva (eż. sigħat ta' tajran) disponibbli għall-ħelikopters.


B'mod ġenerali, l-operazzjonijiet bil-ħelikopters ivarjaw mill-operazzjonijiet bl-ajruplani. L-ħelikopters spiss jiġilgħu jew jillandjaw f'żoni differenti minn ajruporti, bħal helipads, postijiet ta' nżul privati u postijiet ta' nżul mhux ippreparati. Barra minn hekk, ħelikopter għandu karatteristiċi ajrudinamiċi u ta' manuvra differenti mill-ajruplani. Dan kollu huwa rifless fil-karatteristiċi tal-inċidenti differenti.

TABELLA 2 Ħarsa ġenerali lejn in-numru totali ta' inċidenti u inċidenti fatali għall-ħelikopters irreġistrati fi Stati Membri tal-EASA biss.

Perjodu	Numru ta' inċidenti	Inċidenti fatali min-numru ta' inċidenti totali	Vittmi abbord	Vittmi fuq l-art
1996–2005 (medja)	7	3	11	0
2006 (total)	15	4	13	0
2007 (total)	7	1	7	0


3.2.1 Inċidenti fatali

Id-dejta turi li bejn l-1998 u l-2007 seħħew 26 inċident fatali li kienu jinvolvu ħelikopter rreġistrat fi Stati Membri tal-EASA meta mqabbla mal-120 inċident fatali li kienu jinvolvu inġenji tal-ajru rreġistrati barra. Fi proporzjon, l-inċidenti fi Stati Membri tal-EASA jirrappreżentaw 18 % tat-total. In-numru ta' inċidenti jvarja tul id-deċennju. Meta wieħed iħares lejn il-medja varjabbli fuq tliet snin, jidher li n-numru ta' inċidenti fatali żdied fit-tieni nofs tad-deċennju.

FIGURA 10 Numru ta' inċidenti fatali — Ħelikopters irreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u f'pajjiżi terzi

3.2.2 Inċidenti fatali għal kull tip ta' operazzjoni

Il-Figura 11 tippreżenta t-tip ta' operazzjoni involuta f'inċidenti fatali. Meta wieħed jir-revedi t-tip ta' operazzjoni involuta f'inċidenti fatali, tista' tiġi osservata differenza bejn l-inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stat Membri tal-EASA u inġenji tal-ajru b'reġistrazzjoni barranija

FIGURA 11 Inċidenti fatali għal kull tip ta' operazzjoni — ħelikopters irreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u f'pajjiżi terzi

Meta wieħed iħares lejn l-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiżi terzi, it-trasport tal-passiġġieri huwa t-tip ewlieni ta' operazzjoni involuta f'inċidenti fatali. Ħafna mill-inċidenti fatali (16) tal-inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stati Membri tal-EASA kienu jinvolvu elikopters li joperaw b'halha servizzi mediċi ta' emerġenza (EMS). Dan l-ammont jirrappreżenta 44% tan-numru totali ta' inċidenti fatali li jinvolvu operazzjonijiet ta' EMS madwar id-dinja kollha. Dawn it-titjiriet ta' EMS jiffaċilitaw l-assistenza medika ta' emerġenza, meta t-trasport immedjat u rapidu ta' persunal mediku, provvisti mediċi jew persuni feruti jkun essenzjali.


Il-kategorija ta' operazzjonijiet 'oħrajn' tinkludi operazzjonijiet b'hal trasport ta' merkanzija, titjiriet ta' taħriġ kummerċjali jew operazzjonijiet li t-tip tagħhom mhuwiex magħruf.

Ta' min jinnota li f'dan l-aħħar deċennju, madwar id-dinja kien hemm 25 elikopter involuti f'inċidenti fatali waqt li kienu qegħdin iwettqu titjira offshore: titjiriet lejn jew minn installazzjoni barra mix-xatt. Dawn l-inċidenti huma inklużi fl-erba' kategoriji kollha msemmija fuq.

3.2.3 Kategoriji ta' inċidenti

Il-kategoriji ta' inċidenti CICTT oriġinarjament kienu żviluppati għal inċidenti li jinvolvu ajruplani kummerċjali kbar. Għal din ir-*Reviżjoni tas-sigurtà annwali*, daww il-kategoriji kienu assenjati wkoll għall-inċidenti fatali bil-elikopters. Tista' tiġi assenjata aktar minn kategorija waħda għal inċident.

Kif muri fil-Figura 12, il-maġġoranza tal-inċidenti bil-elikopters huma assenjati fil-kategorija ta' 'mhux magħrufa'. Dan huwa minħabba l-fatt li f'xi każijiet mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita l-kawża tal-inċident.

FIGURA 12 Kategoriji ta' inċidenti fatali — elikopters irreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u f'pajjiżi terzi

Il-kategorija bit-tieni l-ogħla numru ta' inċidenti fatali assenjati hija s-CFIT (titjira kkontrollata għal ġol-art). F'ħafna mill-każijiet, ċirkostanzi tat-temp avversi kienu prevalenti, bħal viżibilità li tmur għall-agħar minħabba ċpar u ċpar oħxon. Minbarra dan, diversi titjiriet ikunu saru bil-lejl.


It-telf tal-kontroll fl-ajru (LOC-I) hija l-kategorija bit-tielet l-akbar numru ta' inċidenti assenjati. Diffikultajiet fl-immaniġġjar tal-elikopter flimkien mal-preżenza ta' kundizzjonijiet meteoroloġiċi avversi ssemew f'diversi inċidenti. Il-kategorija 'oħrajn' (OTHR) primarjament kienet assenjata għal inċidenti matul il-fażijiet tat-tluġh u l-inżul fejn tkun seħħet kollizzjoni ma' oġġetti fuq l-art.

L-inċidenti b'altitudni baxxa (LALT) huma kollizzjonijiet fuq l-art u ostakoli li seħħew waqt li l-inġenju tal-ajru jkun qed jittajjar fil-baxx qrib wiċċ l-art b'mod intenzjonat, esklużi l-fażijiet tat-tluġh u tal-inżul. Huwa importanti li wieħed jinnota li numru sinifikanti ta' inċidenti LALT u OTHR kienu jinvolvu kollizzjoni ma' linji tal-elettriku.

Il-kategoriji SCF-NP u SCF-PP jistgħu jingħaqdu flimkien fil-kategorija TECH li tinkludi l-inċidenti relatati ma' sistemi aktar tekniċi. L-inċidenti f'din il-kategorija primarjament jinvolvu sistemi kritiċi: ħsarat fil-magna, ħsarat fis-sistema tar-rotor ewlenija jew ħsarat fis-sistema tar-rotor tad-denb tal-ajruplan.

Il-Figura 13 tippreżenta t-tendenza tas-sitt kategoriji fuq quddiem nett tad-deċennju (medji mobbli fuq tliet snin). Iż-żieda ċara għall-kategorija 'mhux magħrufa' għas-snin 2005–07 probabbilment hija minħabba investigazzjonijiet mhux kompluti ta' inċidenti. Meta jkun hemm aktar riżultati tal-investigazzjoni disponibbli, l-andament għall-aħħar snin mistenni jinbidel.

FIGURA 13 Il-proporzjon tal-erba' kategoriji ta' inċidenti fuq quddiem — Inċidenti fatali — Operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bil-ħelikopters, Stati Membri tal-EASA u l-bqija tad-dinja



4.0 AVJAZZZJONI ĠENERALI U XOGĦOL FL-AJRU, INĠENJI TAL-AJRU BI MTOM AKTAR MINN 2 250 KG

Dan il-kapitolu jipprovdi dejta dwar inċidenti f'ingeni tal-ajru involuti f'avjazzjoni ġenerali u xogħol fl-ajru. L-informazzjoni pprovduta f'dan il-kapitolu hija bbażata fuq dejta miksuba mill-ICAO.

Fid-dokumenti tal-ICAO, it-terminu 'xogħol fl-ajru' huwa definit bħala operazzjoni b'ingeni tal-ajru, li fiha jintuża ingenu tal-ajru għal servizzi speċjalizzati bħalma huma l-agrikoltura, il-konstruzzjoni, il-fotografija, l-istħarriġ, osservazzjoni u għassa, tfittxija u salvataġġ, jew reklam fl-ajru.

L-ICAO tiddefinixxi bħala 'avjazzjoni ġenerali' dawk l-operazzjonijiet tal-avjazzjoni ċivili kollha differenti mill-operazzjonijiet ta' trasport bl-ajru skedati u dawk mhux skedati għal rimunerazzjoni jew kiri jew xogħol fl-ajru.

Għad-deċennju 1998–2007, id-distribuzzjoni tal-inċidenti fatali skont it-tip ta' operazzjoni hija kif muri hawn isfel.

FIGURA 14 Ajruplani li jiżnu aktar minn 2 250 kg — Inċidenti fatali — Stati Membri tal-EASA mqassma skont




FIGURA 15 Ħelikopters li jiżnu aktar minn 2 250 kg — Inċidenti fatali, Stati Membri tal-EASA




TABLE 3 Inġenji tal-ajru li jiżnu aktar minn 2 250 kg — Numru ta' inċidenti, inċidenti fatali u vittmi skont it-tip tal-inġenju tal-ajru u t-tip tal-operazzjoni — Inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stati Membri tal-EASA biss


Tip ta' inġenju tal-ajru	Tip ta' operazzjonijiet	Perjodu	Numru ta' inċidenti	Inċidenti fatali mill-inċidenti totali	Vittmi abbord	Vittmi fuq l-art
Ajruplan	Xogħol fl-ajru	1996–2005 (medja)	5	2	4	0
		2006 (total)	2	0	0	0
		2007 (total)	4	3	4	0
Ajruplan	Avjazzjoni ġenerali	1996–2005 (medja)	15	5	17	< 1
		2006 (total)	19	7	16	0
		2007 (total)	13	4	5	0
Ħelikopter	Xogħol fl-ajru	1996–2005 (medja)	6	2	3	< 1
		2006 (total)	7	1	6	0
		2007 (total)	8	1	0	1
Ħelikopter	Avjazzjoni ġenerali	1996–2005 (medja)	4	1	2	0
		2006 (total)	8	2	7	0
		2007 (total)	4	3	10	0

It-Tabella 3 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn in-numru ta' inċidenti u korrimenti fatali mill-1996. Fid-deċennju 1996–2005, in-numru ta' inċidenti f'operazzjonijiet ta' xogħol fl-ajru huwa simili għall-ajruplani u għall-ħelikopters. Fis-snin reċenti, in-numru ta' inċidenti bil-ħelikopters f'din it-tip ta' operazzjoni huwa aktar mid-doppju minn dak għall-ajruplani. Fl-avjazzjoni ġenerali, in-numru żgħir ta' inċidenti li jinvolvu l-ħelikopters meta mqabbel mal-ajruplani probabbilment huwa rifless tan-numru relattivament aktar baxx ta' ħelikopters użati f'din it-tip ta' operazzjoni.

4.1 Kategoriji ta' inċidenti — Avjazzjoni ġenerali

Mid-dejta mwassla mill-ICAO spiss ġie osservat nuqqas fil-klassifikazzjoni tal-inċidenti għal kull kategorija. Konsegwentement, in-numri ppreżentati jipprovdu stima baxxa tal-frekwenza għall-kategoriji kollha ta' inċidenti.

FIGURA 16 Avjazzjoni ġenerali — Ajruplani li jiżnu aktar minn 2 250 kg — Inċidenti fatali, inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u f'pajjiżi terzi



Għall-inġenji tal-ajru fl-avjazzjoni ġenerali ta' pajjiżi terzi u fl-Istati Membri tal-EASA, LOC-I (it-telf tal-kontroll fl-ajru) tirrappreżenta l-kategorija ta' inċidenti ewlenija. In-numru ta' każijiet ta' CFIT (titjira kkontrollata għal ġol-art) madwar id-dinja huwa ta' madwar nofs l-ammont ta' telf ta' kontroll waqt titjira, waqt li għall-Istati Membri tal-EASA dawn jammontaw għal madwar terz. Jidher li l-kwistjonijiet tekniċi għandhom rwol ferm iżgħar.


B'mod ġenerali, l-esperjenza għall-avjazzjoni ġenerali hija simili għal dik ta' operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru minħabba li s-CFIT u t-telf ta' kontroll fl-ajru huma l-kategoriji ewlenin għall-inċidenti fatali.

4.2 Kategoriji ta' inċidenti — Xogħol fl-ajru — Ajruplani

Kif imsemmi fuq, ix-xogħol fl-ajru jinvolve operazzjonijiet speċjalizzati bħat-tifi ta' nir-ien, operazzjonijiet agrikoli u osservazzjoni fl-ajru.

Hemm problema partikolari fil-ksib tad-dejta relatata ma' inċidenti waqt xogħol fl-ajru. Tip ta' operazzjoni mill-aktar perikoluża f'dan ir-rigward hija relatata mat-tifi tan-nirien. Madankollu, f'xi Stati, din l-attività titwettagħ minn organizzazzjonijiet statali (eż. l-avjazzjoni militari) u konsegwentement l-attivitajiet relatati mhumiex ikklassifikati bħala xogħol fl-ajru iżda bħala 'Titjiriet tal-Istat' u konsegwentement l-inċidenti relatati ma kinux inklużi f'din ir-reviżjoni.

FIGURA 17 Xogħol fl-ajru — Ajruplani li jiżnu aktar minn 2 250 kg — Kategoriji ta' inċidenti fatali




In-numru għoli ta' inċidenti fatali relatati ma' operazzjonijiet ta' altitudni baxxa (LALT) ma huwa ta' ebda sorpriża billi n-natura tax-xogħol fl-ajru spiss tinvolvi operazzjonijiet qrib l-art, eż. operazzjonijiet agrikoli. L-attività f'altitudnijiet baxxi tagħmel dejjem aktar diffiċli l-irkupru tal-kontroll jew ir-reazzjoni għal avveniment mhux previst. In-numru għoli ta' inċidenti assenjati fil-kategorija 'mhux magħrufa' huwa xhieda li l-investigazzjoni u r-rappurtaġġ ta' inċidenti bħal dawn jistgħu jitlejbu.

4.3 Avjazzjoni għal negozju — Ajruplani

Skont id-definizzjonijiet tal-ICAO, l-avjazzjoni għal negozju hija sottoklassi tal-avjazzjoni ġenerali. Id-dejta dwar l-avjazzjoni kummerċjali hija ppreżentata separatament fid-dawl tal-importanza ta' dan is-settur.

FIGURA 18 Inċidenti fatali fl-avjazzjoni għal negozju, irreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u f'pajjiżi terzi



In-numru ta' inċidenti fatali fl-avjazzjoni kummerċjali għal inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stati Membri tal-EASA huwa baxx. Madankollu, jidher li fid-dinja kollha, in-numru ta' inċidenti fatali beda jiżdied matul dawn l-aħħar snin.

5.0 INĠENJI TAL-AJRU ĦFIEF (MASSA INQAS MINN 2 250 KG)

F'Jannar 2008, l-Aġenzija talbet lill-Istati Membri d-dejta dwar l-inċidenti b'ingeni tal-ajru ħfief. Sa nofs April 2008, ħafna mill-Istati kienu taw l-informazzjoni mitluba minnhom. Id-dejta ma waslitx mir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Awstrija u r-Rumanija.

Id-dejta mill-Istati tvarja. Uħud ipprovdew dejta għal inċidenti lil paraxutisti, paramuturi u hang-gljajders, oħrajn naqsu milli jagħmlu dan. Uħud mill-Istati użaw limitu ta' piż ta' 454 kg (1 000 libbra) biex jiddelinjaw l-ingeni tal-ajru 'ħfief ħafna (ultraħfief)' mill-ajruplani 'normali', oħrajn ma għamlux dan. Id-dejta minn xi Stati wriet li għall-istess manifattur u mudell ta' ingeni tal-ajru, intużaw żewġ klassifikazzjonijiet differenti għall-kategorija tal-ingenu tal-ajru. Jidher li hemm bżonn ta' aktar ħidma biex jiġu armonizzati dawn id-definizzjonijiet.


It-Tabella 4 tipprovdi n-numru ta' inċidenti u l-vittmi relatati magħhom għas-snin 2006 u 2007 fuq il-bażi tad-dejta rappurtata. In-numru għoli ta' inċidenti u n-numru ta' vittmi relatati huma murija hawn.

TABELLA 4 Inċidenti, inċidenti fatali u vittmi relatati — Inġeni tal-ajru b'piż inqas minn 2 250 kg, imqassma skont is-sena u l-kategorija tal-ingenu tal-ajru

	Sena	Numru ta' inċidenti	Numru ta' inċidenti fatali	Numru ta' vittmi abbord	Vittmi fuq l-art
Ajruplan	2006	571	75	124	2
Ajruplan	2007	489	59	108	0
Aerostatu	2006	29	0	0	0
Aerostatu	2007	15	0	0	0
Glajder	2006	195	22	24	0
Glajder	2007	173	17	19	1
Awtoġiro	2006	5	1	1	0
Awtoġiro	2007	5	3	4	0
Ħelikopter	2006	90	8	16	0
Ħelikopter	2007	80	11	21	4
Ultraħfief	2006	200	36	45	0
Ultraħfief	2007	187	20	26	0
Glajder bil-mutur	2006	60	11	18	0
Glajder bil-mutur	2007	48	11	16	0
Oħrajn	2006	46	10	10	2
Oħrajn	2007	55	12	14	0
Total	2006	1196	163	238	4
Total	2007	1052	133	208	5


5.1 Inċidenti fatali

FIGURA 19 Inġenji tal-ajru li jiżnu inqas minn 2 250 kg, Stati Membri tal-EASA — Inċidenti fatali, inċidenti, tip ta' operazzjoni, 2006–07



Fl-Istati Membri tal-EASA, il-maġġoranza vasta tal-inġenji tal-ajru ħfief huma involuti fl-avjazzjoni ġenerali. Uħud minnhom, b'mod partikolari elikopters ħfief, huma involuti wkoll f'xogħol fl-ajru, eż. attivitajiet ta' osservazzjoni fl-ajru.

FIGURA 20 Inġenji tal-ajru li jiżnu inqas minn 2 250 kg, Stati Membri tal-EASA — Inċidenti fatali, kategorija ta' inġenji tal-ajru, 2006–07



5.2 Kategoriji ta' inċidenti

Sar tentattiv biex il-kategoriji ta' inċidenti CICTT jiġu applikati għad-dejta relatata mal-inċidenti b'ingeni tal-ajru ħfief għas-sena 2006. L-applikazzjoni tagħhom għal ingeni tal-ajru żgħar u li jintużaw għal avjazzjoni ġenerali tat prova li kienet diffiċli.

FIGURA 21 Ajruplani li jiżnu inqas minn 2 250 kg, Stati Membri tal-EASA — Distribuzzjoni tal-kategoriji tal-inċidenti, 2006





FIGURA 22 Ajruplani li jiżnu inqas minn 2 250 kg, Stati Membri tal-EASA — Distribuzzjoni tal-kategoriji tal-inċidenti, 2006



L-analiżi kienet limitata għad-dejta disponibbli għas-sena 2006. L-Aġenzija sejra tkompli bit-tentattiv tagħha li tikseb dejta dwar inċidenti b'ingeni tal-ajru ħfief mill-Istati Membri tal-EASA sabiex tkun tista' tipprovdi analiżi aktar fil-fond. Fuq il-bażi tad-dejta limitata disponibbli, jidher li hemm differenza maġġuri bejn l-inċidenti b'ingeni tal-ajru ħfief u dawk relatati ma' ingeni tal-ajru akbar. Numru kbir ta' inċidenti b'ingeni tal-ajru ħfief kienu jinvolvu ħsarat jew ħidma ħażina f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjant tal-enerġija (powerplant).

Ma kienx possibbli tiżviluppa tendenza abbażi ta' dejta ta' sentejn biss. Barra minn hekk, l-analiżi tal-kawżi kienet limitata minħabba n-nuqqas ta' dejta kompleta mill-Istati Membri tal-EASA.

6.0 AZZZJONIJIET MEĦUDA MILL-AĠENZIJA FIL-QASAM TAS-SIGURTÀ

Sabiex tikseb l-għanijiet ewlenin tagħha, l-EASA timpenja ruħha f'diversi attivitajiet fosthom iċ-ċertifikazzjoni, ir-regolamentazzjoni u l-istandardizzazzjoni. Dawn l-attivitajiet huma riflessi fl-istruttura organizzattiva tagħha permezz ta' direttorati rilevanti. Id-Direttorat taċ-Ċertifikazzjoni huwa involut, fost l-oħrajn, fiċ-ċertifikazzjoni ta' inġenji tal-ajru, magni u sistemi ġodda jew eżistenti. Fost l-attivitajiet tad-Direttorat tar-Regolamentazzjoni hemm l-abbozzar ta' regolamenti ġodda jew emendi għal regolamenti eżistenti li jappartjenu għas-sigurtà fl-avjazzjoni. Id-Direttorat tal-Istandardizzazzjoni għandu l-għan li jistandardizza u jżomm livelli ta' sigurtà fl-Istati Membri kollha tal-EASA. Għal dan il-għan, dan id-direttorat huwa involut f'diversi attivitajiet fosthom spezzjonijiet ta' awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili, operaturi tal-inġenji tal-ajru u partijiet interessati oħrajn fl-industrija tal-avjazzjoni.

6.1 Standardizzazzjoni

Is-sena 2007 kienet perjodu ta' stabbilizzazzjoni għall-attività ta' standardizzazzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tal-ajrunavigabilità inizjali u kontinwa. Dan ġie wara tranżizzjoni minn proċess volontarju li ġej mis-sistema preċedenti tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunti (JAA) għal sistema obbligatorja appoġġjata minn leġiżlazzjoni xierqa u proċeduri ta' implimentazzjoni strutturati enfasizzati f'Mejju 2006 permezz tal-ħruġ tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 dwar il-metodi tax-xogħol tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni.

Għalkemm is-sorveljanza kontinwa kienet għadha bbażata fuq perjodiċità ta' sentejn, l-iskop taż-żjarat għal pajjiżi kbar inqasam sabiex ikunu jistgħu jsiru spezzjonijiet iktar intensivi. F'xi ftit każijiet kritiċi, iż-żjarat fuq l-istess skop ġew ripetuti wara sena waħda.

Kif ippjanat, l-Aġenzija wettqet total ta' 28 żjara ta' ajrunavigabilità kontinwa ⁽²⁾ u 12 fl-ajrunavigabilità inizjali ⁽³⁾.

Sakemm jiġi estiż l-mandat tal-Aġenzija għal operazzjonijiet u ħruġ ta' liċenzji għall-piloti, dawn l-ispezzjonijiet tmexxew bħala programm ta' standardizzazzjoni tal-JAA, b'persunal sħiħ mill-NAAs inklużi dawk li jmxexxu t-timijiet kull meta jkun possibbli. Iż-żjarat ta' standardizzazzjoni mwettqa fisem il-JAA huma deskritti fil-qosor fit-Tabella 5.

² Il-Greċja, il-Belġju, Ċipru, il-Ġermanja (NRW), ir-Renju Unit, l-Ungerija, il-Portugall, in-Norveġja, l-Estonja, l-Iżlanda, Franza, il-Polonja, l-Olanda, Monako*, it-Turkija*, l-Italja, il-Lussemburgu, is-Slovakkja, is-Slovenja, il-Latvja, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, Spanja, l-Iżvizzera, il-Kroazja*, is-Serbja* (* = żjarat imwettqa f'isem il-JAA).

³ Is-Slovakkja, il-Ġermanja, l-Iżvizzera, il-Litwanja, in-Norveġja, il-Polonja, Spanja, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Portugall, id-Danimarka.

TABELLA 5 Żjarat ta' standardizzazzjoni

Operazzjonijiet fl-ajru	Il-Bulgarija, id-Danimarka, Spanja, l-Estonja, l-Iżlanda, il-Greċja, is-Slovenja, ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja, l-Awstrija, is-Slovakkja, il-Ġermanja
Apparat ta' taħriġ sintetiku (simulatori)	Il-Finlandja, il-Belġju, l-Italja, Franza, ir-Renju Unit, l-Olanda
Liċenzji tal-ekwipaġġ u kontrolli mediċi	Ir-Renju Unit, in-Norveġja, is-Serbja, Spanja, is-Slovakkja, is-Slovenja, il-Lussemburgu, ir-Repubblika Ċeka

6.2 Ċertifikazzjoni

Iċ-ċertifikazzjoni tikkontribwixxi direttament għas-sigurtà fl-avjazzjoni billi jsiru attivitajiet ta' ċertifikazzjoni li jwasslu għall-approvazzjoni fuq livell tal-UE ta' prodotti, partijiet u apparat ajrunawtiċi fuq l-ogħla livell ta' sigurtà possibbli. F'dan ir-rigward, prodott ajrunawtiku jista' biss jiġi ċċertifikat meta jikkonforma mar-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli. B'kollox, fl-2007, l-Aġenzija ħarġet 7 000 ċertifikat relatati mad-disinn.

Minbarra l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni, komputu ewlieni ieħor għad-Direttorat taċ-Ċertifikazzjoni huwa li jassigura b'mod attiv l-ajrunavigabilità kontinwa ta' prodotti, partijiet u apparat ajrunawtiċi matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tagħhom. Id-Direttorat taċ-Ċertifikazzjoni għalhekk stabbilixxa proċess kontinwu u komplet ta' ajrunavigabilità, maħsub biex jipprevjeni l-inċidenti. Dan il-proċess huwa bbażat fuq dejta pprovduta permezz ta' rappurtaġġ obbligatorju ta' okkorrenzi, investigazzjonijiet ta' inċidenti jew inċidenti, reviżjonijiet tad-disinn tat-tip, eċċ.

Fuq il-bażi tal-investigazzjoni u l-analiżi tad-detentur taċ-ċertifikat, jew ta' kwalunkwe tagħrif ieħor, l-EASA tiddefinixxi azzjonijiet xierqa li jistgħu jwasslu, f'każ ta' determinazzjoni ta' kundizzjoni perikoluża, għall-ħruġ ta' direttivi ta' ajrunavigabilità (ADs) biex bis-setgħa ta' mandat ikunu jistgħu jittieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa.


Fl-2007, l-Aġenzija tat mandat lil 305 ADs u 75 ADs urġenti. Bil-ħolqien ta' Sezzjoni 'Direttivi ta' Ajrunavigabilità, Ġestjoni tas-Sigurtà u Riċerka' fl-2007, id-Direttorat taċ-Ċertifikazzjoni jipprovi konsistenza tal-proċess kontinwu tal-ajrunavigabilità.

Barra minn hekk, jitwettqu azzjonijiet fuq perjodu fit-tul, bħall-ħolqien ta' Network Informattiv dwar l-Ajrunavigabilità mal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tas-Singapor (CAAS) wara l-ewwel twassil ta' A380 tal-Airbus lis-Singapore Airlines. Bħala segwitu għar-rilaxx ta' ADs minħabba diversi inċidenti relatati ma' problemi fit-tagħmir waqt l-inżul bil-Bombardier Q400 (Dash 8) tal-iScandinavian Airlines (SAS) f'Settembru u f'Ottubru 2007, ġew organizzati laqgħat dwar ir-reviżjoni tal-ajrunavigabilità ma' uffiċjali

mill-awtoritajiet Skandinavi u Kanadiżi, kif ukoll ma' rappreżentanti tal-manifattur tal-ajruplan Bombardier u l-manifattur tal-komponenti Goodrich. Dan kollu huwa parti mill-approċċ tal-Aġenzija u tad-Direttorat taċ-Ċertifikazzjoni biex, fost l-oħrajn, jikkooperaw mill-qrib mal-partijiet interessati Ewropej u mhux Ewropej permezz ta' arranġamenti bilaterali u biex jiżviluppaw netwerk ta' sigurtà innovattiv ma' diversi Stati.

Il-verifiki regolari magħmula minn partijiet indipendenti (bħall-ICAO) ikkonfermaw li l-Aġenzija/id-Direttorat taċ-Ċertifikazzjoni jinsabu fit-triq it-tajba sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom u jikkontribwixxu għal livell għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni.

FIGURA 23 Numru ta' ADs u ADs urġenti maħruġa fl-2007



6.3. Regolamentazzjoni

Wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, l-Aġenzija tadotta programm annwali ta' regolamentazzjoni li jiġi ppubblikat fuq is-sit elettroniku tagħha. Dan jiġi żviluppawara li jitqiesu diversi kriterji inkluż l-esperjenza eżistenti fis-servizz, it-tfaċċar ta' kunċetti u teknoloġiji ġodda għal operazzjonijiet jew organizzazzjonijiet, kif ukoll il-konformità ma' obbligi internazzjonali. Il-programm ta' regolamentazzjoni jqis ukoll il-ħtieġa li jkun hemm regoli proporzjonati għar-riskji. L-azzjonijiet ewlenin tal-2007 kienu jinkludu dawk elenkati hawn taħt.

- Ħidma relatata mal-estensjoni tas-sistema tal-EASA fir-rigward tal-interoperabilità u r-regolament tas-sigurtà tal-ajruporti.
- Ħidma relatata mal-operazzjoni kontinwa ta' inġenji tal-ajru ddisinjati fl-eks Unjoni Sovjetika, li bħalissa huma rreġistrati fi Stati Membri tal-EASA.
- Approvazzjoni tal-emendi għad-dokument intitolat 'Speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni għal ajruplani akbar'. Dawn l-emendi huma maħsuba biex itejbju l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għall-bibien, is-sistemi ta' tajran u ta' gwida kif ukoll sabiex jindirizzaw kwist-

jonijiet relatati mat-tajran f'kundizzjonijiet ta' silġ u waqt konsiderazzjonijiet b'fattur uman.

- Approvazzjoni tal-emendi fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni għal inġenji tal-ajru bi skrun orizzontali (ħelikopters) żgħar u kbar, għat-titjib tal-ispeċifikazzjonijiet relatati mat-tajran u l-kwalità tat-tajran u tal-manuvra.
- Approvazzjoni tal-emendi għad-dokument intitolat 'Speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni għall-magni', li jtejb u l-ispeċifikazzjonijiet relatati mas-sistemi ta' kontroll elettroniċi.
- Emendar tal-istandards għas-sistemi ta' twissija u allarm ta' viċinanza mal-art u introduzzjoni ta' standard ġdid għal transponders sekondarji ta' sorveljanza għall-avjazzjoni b'inġenji tal-ajru ħfief.
- Emendar ta' diversi dokumenti oħrajn relatati ma' mezzi aċċettabbli ta' konformità ("*Acceptable Mean of compliance*"). Dawn id-dokumenti kienu jikkonċernaw diversi suġġetti, fosthom strutturi ta' inġenji tal-ajru li qdiemu, permess għat-tajran u liċenzji għal manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru.

Din ir-*Reviżjoni annwali tas-sigurtà* tagħmel enfasi fuq ir-rati għoljin ta' inċidenti f'ċerti reġjuni tad-dinja. Id-Direttorat tar-Regolamentazzjoni jimmira li jindirizza t-tħassib dwar it-tajran tal-inġenji tal-ajru minn reġjuni inqas regolamentati permezz ta' dawn iż-żewġ azzjonijiet li ġejjin, li qegħdin jiġu żviluppati bħalissa:

- approvazzjoni tal-operaturi ta' pajjiżi terzi;
- programmi ta' assistenza teknika.

F'dak li għandu x'jaqşam mat-trasport kummerċjali bl-ajru b'ajruplani, ittieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:

- L-iżvilupp ta' 'ċertifikat ta' idoneità operattiva' li fost l-oħrajn sejjer jiddefinixxi rekwiżiti minimi għal programm ta' valutazzjoni tat-tip tal-ekwipaġġ tat-titjira. Din l-azzjoni ta' sigurtà x'aktarx tnaqqas ir-riskju ta' CFIT u LOC-I.
- Ir-riskju ta' inċidenti relatati mas-sistema tal-propulsjoni għandu jitnaqqas permezz ta' titjib fl-'Ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni għal ajruplani kbar' relattiv għal allarmi ta' fjuwil ta' livell baxx. Xogħol simili fuq bibien għal ħruġ ta' emerġenza u kutri termoizolanti jistgħu jnaqqsu l-konsegwenzi tal-impatt li jħallu warajhom in-nirien.
- Fl-aħħarnett, l-affidabilità tas-sistema għandha tittejjeb permezz ta' speċifikazzjonijiet aħjar fuq sistemi ta' wajers elettriċi.

Fir-rigward tat-trasport kummerċjali bl-ajru bil-ħelikopters, qegħdin jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet eżistenti għall-ħelikopters u qiegħed jiġi żviluppat materjal regolatorju. Dan il-materjal ser jiddefinixxi, fost affarijiet oħra, rekwiżiti minimi għal programm ta' valutazzjoni tat-tip tal-ekwipaġġ tat-titjira. Dawn l-attivitajiet x'aktarx inaqqsu r-riskju ta' CFIT u t-telf ta' kontroll għall-ħelikopters.

6.4 SAFA

Inizjalment, il-programm SAFA ġie mniedi mill-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) fl-1996, u ma kienx ibbażat fuq bażi ġuridika Ewropea vinkolanti iżda fuq impenn tad-diretturi ġenerali tal-Istati Membri parteċipanti fl-ECAC.

Fit-30 ta' April 2004, ġiet ippubblikata d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità (l-hekk imsejħa 'direttiva SAFA') li toħloq obbligu legali fuq l-Istati Membri tal-UE biex iwettqu spezzjonijiet fuq l-art tal-ajruplani fuq 'inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi' li jinżlu fl-ajruporti li jinsabu fit-territorju tagħhom.

F'kull Stat parteċipanti f'SAFA, kwalunkwe inġenju tal-ajru li ġej minn pajjiżi terzi (għall-Istati tal-UE) jew barrani (għall-Istati tal-ECAC mhux fl-UE) jistgħu jkunu soġġetti għal spezzjoni fuq l-art, prinċipalment f'dak li jikkonċerna d-dokumenti u l-manwali tal-inġenji tal-ajru, il-liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira, il-kundizzjonijiet evidenti tal-inġenju tal-ajru u l-preżenza u l-istat tat-tagħmir obbligatorju għas-sigurtà tal-kabina. Dawn l-ispezzjonijiet huma konformi mal-standards rilevanti tal-ICAO.

Mill-1 ta' Jannar 2007, il-ġestjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-programm SAFA tal-Komunità Ewropea waqgħu taħt l-kompetenzi tal-Kummissjoni Ewropea assistita mill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA). L-attivitajiet ta' koordinament tas-SAFA għalhekk ġew trasferiti mill-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunti (JAA) għall-Aġenzija.

Minbarra dan, id-database SAFA ġiet trasferita wkoll b'suċċess mill-JAA għas-sede tal-EASA f'Cologne, u bħalissa għaddejja minn aġġornament maġġuri b'żidiet u karatteristiċi ġodda (eż. karatteristiċi bbażati fuq l-internet).

L-Aġenzija wettqet regolarment l-analiżijiet trimestrali u l-analiżijiet ad hoc meħtieġa mill-Kummissjoni għas-sostenn tad-deċiżjonijiet relatati mal-"lista sewda". L-analiżi tad-dejta SAFA forniet indikaturi importanti fuq il-livell ta' sigurtà ġenerali tal-linji tal-ajru li joperaw fl-Ewropa; dawn l-indikaturi ffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' fatturi ta' riskju potenzjali u ta' provvedimenti kwalitattivi mmirati.

Fl-aħħarnett, b'appoġġ għall-politika tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni internazzjonali għall-iskambju ta' dejta dwar is-sigurtà, inbdew diskussjonijiet tekniċi ta' studju mal-FAA bil-għan li jaqsmu d-dejta bejn il-programm Komunitarju SAFA u l-programm Iasdex tal-FAA.

6.5 Inizjattiva Strateġika Ewropea għas-Sigurtà (ESSI)

L-Inizjattiva Strateġika Ewropea għas-Sigurtà (ESSI) hija sħubija għas-sigurtà fl-avjazzjoni, volontarja u ffinanzjata mill-privat bejn l-EASA, regolaturi oħrajn u l-industrija, maħsuba biex tkompli tkabbar u ttejjeb is-sigurtà fl-avjazzjoni fl-Ewropa u għaċ-ċittadin Ewropew madwar id-dinja. Immedja fis-27 ta' April 2006, l-ESSI hija s-suċċessur għall-Inizjattiva Konġunta għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (JSSI) tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunti (JAA).

Lista kompluta tal-organizzazzjonijiet parteċipanti hija disponibbli fis-sit elettroniku tal-EASA (www.easa.europa.eu/essi).

F'konformità mal-wirt tal-JSSI, l-ESSI żżomm ma' u tkompli tiżviluppa l-kooperazzjoni mat-Tim tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Kummerċjali (CAST), l-FAA tal-Istati Uniti (Federal Aviation Administration) u l-Flight Safety Foundation (FSF). L-ESSI, bħala waħda mill-inizjattivi maġġuri ta' timijiet tas-sigurtà madwar id-dinja toqgħod sewwa fl-ambitu tar-road map għas-sigurtà fl-avjazzjoni globali (GASR). Hija tipprovdi mekkaniżmu għall-koordinament ta' inizjattivi tas-sigurtà fl-Ewropa u mal-bqija tad-dinja.

6.5.1 Timijiet għas-sigurtà tal-ESSI

L-ESSI għandha tliet komponenti: it-Tim Ewropew għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Kummerċjali (ECAST), it-Tim Ewropew għas-Sigurtà tal-Ħelikopters (EHEST) u t-Tim Ewropew għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ġenerali (EGAST).

Tim Ewropew għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Kummerċjali (ECAST)

Imniedi fit-12 ta' Ottubru 2006, l-ECAST jieħu ħsieb l-operazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru ta' daqs kbir. Bil-parteċipazzjoni ta' aktar minn 50 organizzazzjoni, dan it-tim huwa l-ekwivalenti Ewropew tal-CAST.

L-ECAST jimmonitorja l-implimentazzjoni fl-Ewropa tal-pjanijiet ta' azzjoni li ntirtu mill-JSSI. Dawn il-pjanijiet jindirizzaw it-tnaqqis tar-riskji ta' inċidenti fil-kategoriji "titjriet ikkontrollati għol-art" (CFIT), "avviċinament u nżul l-art", u "telf ta' kontroll" tal-ajruplan.

B'mod parallel, fl-2007 l-ECAST żviluppa proċess ġdid bi tliet fażijiet:

- Fażi 1: identifikazzjoni u għażla ta' kwistjonijiet ta' sigurtà;
- Fażi 2: analiżi ta' aspetti relatati mas-sigurtà; u
- Fażi 3: żvilupp, implimentazzjoni u monitoraġġ tal-pjanijiet ta' azzjoni.

L-ewwel fażi bdiet f'April 2007. L-għan kien li jiġu identifikati l-prijoritajiet għal aktar xogħol tal-ECAST ibbażati fuq tliet kriterji: l-importanza tas-sigurtà, il-grad ta' kopertura (il-firxa li għalihom s-suġġetti huma diġà koperti f'bidma oħra ta' sigurtà) u l-relazzjoni bejn benefiċċji u l-ispejjeż jew valutazzjoni tal-impatt tal-inizjattivi għas-sigurtà.

Fl-ambitu tal-implimentazzjoni tat-tieni fażi, fl-2008 l-ECAST nieda żewġ gruppi ta' bidma dwar is-sistemi tal-ġestjoni tas-sigurtà u s-sigurtà fuq l-art.

Tim Ewropew għas-Sigurtà tal-Ħelikopters (EHEST)

L-EHEST kien inniedi fl-14 ta' Novembru 2006. Huwa jlaqqa' flimkien oqsfa ta' ħelikopters kbar, manifatturi ta' sistemi u magni, operaturi, regolaturi, assoċjazzjonijiet ta' piloti u ħelikopters, organizzazzjonijiet ta' riċerka, investigaturi ta' inċidenti minn madwar l-Ewropa u xi operaturi militari.

L-EHEST huwa wkoll il-komponent Ewropew tat-Tim Internazzjonali tas-Sigurtà tal-Ħelikopters (IHST). L-IHST stabbilixxa timijiet reġjonali fid-dinja kollha, inkluż wieħed fl-Ewropa.

L-EHEST huwa impenjat li jasal għall-mira tal-IHST illi jnaqqas ir-rata tal-inċidenti bil-ħelikopters bi 80 % sal-2016 fid-dinja kollha.

It-Tim Ewropew għall-Analiżi tas-Sigurtà tal-Ħelikopters (EHSAT) kien iffurmat mill-EHEST bil-għan li janalizza l-inċidenti bil-ħelikopters fl-Ewropa, bl-użu ta' proċess addattat mill-IHST.

Sal-lum qegħdin jipparteċipaw aktar minn 50 organizzazzjoni fl-EHEST, li madwar 30 minnhom huma involuti fl-EHSAT. L-EHSAT, min-naħa tiegħu, stabbilixxa timijiet ta' analiżi reġjonali bil-għan li jkopri l-varjetà ta' lingwi użati fir-rapporti tal-inċidenti u jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli.

Ir-riżultati tat-timijiet reġjonali ser jiġu ppreżentati fil-konferenza tal-IHST Ewropa 2008 fil-Helitech, Estoril, il-Portugall, fit-13 ta' Ottubru 2008.

Tim Ewropew għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ġenerali (EGAST)

Il-laqgħa tal-fondazzjoni tat-Tim Ewropew għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ġenerali (EGAST) saret fl-EASA fis-17 ta' Ottubru 2007 u għaliha attendew aktar minn 60 rappreżentant tal-komunità tal-avjazzjoni ġenerali minn madwar l-Ewropa.

“L-avjazzjoni ġenerali għandha prijorità għolja għall-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni. L-EGAST huwa inizjattiva ġdida għall-Ewropa u sfida. L-Aġenzija tilqa’

l-parteċipazzjoni wiesgħa tal-komunità tal-avjazzjoni, bħala parti mill-isforzi ġenerali tagħha biex terġa' tagħti l-ħajja lill-avjazzjoni ġenerali,” qal Patrick Goudou, Direttur Eżekuttiv tal-EASA waqt is-sessjoni tal-ftuħ.

L-avjazzjoni ġenerali hija komunità mifruxa magħmula minn komponenti diversi ħafna bħall-avjazzjoni għal negozju, xogħol fl-ajru, sports tal-ajru u attivitajiet rikreattivi. L-avjazzjoni rikreattiva nnifisha tikkaratterizza spettru wiesa' ta' attivitajiet fl-ajru li jvarjaw minn tajran motorizzat, b'aerostati u bi glajders għal b'ajruplani ultrahfief, paragliding u hang-gliding. L-EGAST jirrispondi għall-ħtieġa għal sforz ikkoordinat fuq livell Ewropew.

Billi jibni fuq l-inizjattivi tal-avjazzjoni ġenerali fl-Ewropa, l-EGAST joħloq forum għall-promozzjoni tas-sigurtà, it-titjib tal-ġbir u l-analiżi tad-dejta, u l-qsim tal-aħjar prassi, inkluż dawk dwar il-ġestjoni tas-sigurtà.

Għal aktar tagħrif, irreferi għas-sit elettroniku tal-ESSI (www.easa.europa.eu/essi).

APPENDIĊI

Appendiċi 1: Osservazzjonijiet ġenerali dwar il-kwalità u l-ġbir ta' dejta

Id-dejta ppreżentata mhijiex kompleta. Uħud mill-Istati Membri naqsu milli jibagħtu informazzjoni dwar l-inġenji tal-ajru ħfief. Mingħajr ma tkun taf malajr l-eżiti tal-investigazzjonijiet u tkun fil-pussess fil-ħin tad-dejta kompluta miġbura mill-Istati, l-Aġenzija ma tistax tippreżenta stampa kompluta tal-aspetti kollha li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tat-trasport bl-ajru fl-Ewropa.

L-Aġenzija sejra tkompli bl-isforzi tagħha fil-ġbir ta' dejta dwar l-inċidenti tal-inġenji tal-ajru ħfief għar-rapporti annwali tas-sigurtà li jmiss u tistenna disponibbiltà ta' dejta dejjem aktar kompluta, hekk kif jitjiebu s-sistemi ta' rappurtar u tiżdied l-attenzjoni lejn din id-dejta għand l-Istati Membri tal-EASA.

Il-ħidma bid-dejta turi li l-kategoriji tassonomiċi żviluppati mis-CICTT għall-inċidenti bl-ajru għandhom utilità limitata meta jiġu applikati għal elikopters, inġenji tal-ajru ħfief u attivitajiet oħrajn ta' avjazzjoni bħal hang-gliding jew titjir bil-paraxut. Sejjer ikun hemm bżonn li jiġu żviluppati approċċi ġodda biex ikun jista' jiġu monitorati aħjar il-problemi dwar is-sigurtà f'dan is-segment tas-sistema tal-avjazzjoni. Għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-iżvilupp ta' kategoriji speċifiċi għal dawn l-operazzjonijiet. L-Aġenzija sejra tinvolvi lill-imsieħba tagħha bil-għan li tindirizza din il-kwistjoni.

Għal dak li jirrigwarda l-inġenji tal-ajru ta' daqs kbir, id-dejta disponibbli hija dik pre-vista mill-Anness 13 tal-ICAO relatata mal-obbligi ta' notifika tal-inċidenti għall-Istati. Il-kontrolli li saru wrew li mhux l-Istati kollha jissodisfaw fil-pront u b'mod komplut l-obbligu ta' notifika lill-ICAO.

Appendiċi 2: Definizzjonijiet u akronimi

A2-1: Ġenerali

AD	Direttiva dwar l-ajrunavigabilità: notifika lis-sidien u lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru dwar kwistjonijiet ta' sigurtà magħrufa b'mu- dell partikolari ta' inġenju tal-ajru, magna, sistema avjonika jew sistema oħra.
ATM	Ġestjoni tat-Traffiku fl-Ajru
Avjazzjoni ġenerali (GA)	Operazzjoni b'inġenji tal-ajru differenti minn operazzjoni ta' tras- port kummerċjali bl-ajru jew operazzjoni ta' xogħol fl-ajru.
CAST	Tim tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Kummerċjali. L-ECAST hija l-inizjat- tiva Ewropea.
CICTT	Tim għat-Tassonomija Komuni ta' CAST-ICAO
CNS	Komunikazzjonijiet, Navigazzjonijiet u Sorveljanza/Ġestjoni tat- Traffiku fl-Ajru
EASA	Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni
ICAO	Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali
Incident fatali	Incident li rriżulta f'mill-inqas vittma waħda, fost l-ekwipaġġ tat- titjira u/jew passiġġieri jew fuq l-art, fi żmien 30 ġurnata minn meta jkun seħħ l-inċident. (Sors: Anness 13 tal-ICAO)
Inġenji tal-ajru ħfief	Inġenji tal-ajru b'piż massimu ċċertifikat għat-tluġh inqas minn 2 251 kg.
Inġenji tal- ajru rreġistrati f'pajjiżi terzi	L-inġenji tal-ajru kollha mhux irreġistrati f'wieħed mill-Istati Membri tal-EASA.
Inġenji tal-ajru ta' pajjiż terz	Inġenju tal-ajru li ma jintużax jew jitħaddem taħt il-kontroll ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE.
MTOM	Massa massima għat-tluġh
SAFA	Valutazzjoni dwar is-sigurtà ta' inġenji tal-ajru barranin
Servizz tal-ajru skedat	Servizz tal-ajru miftuħ għall-użu mill-pubbliku ġenerali u mħaddem skont skeda ta' żmien ippublikata jew skont tali frekwenza regolari li tikkostitwixxi serje sistematika ta' titjiriet li jistgħu jiġu rikonoxxuti faċilment li huma miftuħa għal ibbukkar dirett mill-membri tal-pubbliku.
SISG	Grupp ta' Studju dwar l-Indikatur tas-Sigurtà tal-ICAO
Trasport kummerċjali bl- ajru (CAT)	Operazzjoni b'inġenji tal-ajru li tinvolvi t-trasport ta' passiġġieri, merkanzija jew posta għal rimunerazzjoni jew kiri.
Xogħol fl-ajru (AW)	Operazzjoni b'inġenji tal-ajru li fiha inġenju tal-ajru jintuża għal servizzi speċjalizzati bħall-agrikoltura, il-konstruzzjoni, il-fotogra- fija, it-twettk tas-servejs, l-osservazzjoni u l-għassa, it-tfittxija u s-salvataġġ, jew reklamar fl-ajru.

A2-2: Akronimi ta' kategoriji ta' inċidenti

ADRM	Ajruport
AMAN	Manuvra f'daqqa
ARC	Kuntatt mhux normali mar-ranwej
ATM	ATM/CNS
CABIN	Avvenimenti ta' sigurtà fil-kabina
CFIT	Titjira kkontrollata ġol-art
EVAC	Evakwazzjoni
F-NI	Nirien/duħħan (mhux marbut mal-impatt)
F-POST	Nirien/duħħan (wara l-impatt)
FUEL	Relatat mal-fjuwil
GCOL	Kolliżjoni mal-art
ICE	Formazzjoni ta' silġ
LALT	Operazzjonijiet f'altitudni baxxa
LOC-G	Telf ta' kontroll — fuq l-art
LOC-I	Telf ta' kontroll — fl-ajru
MAC	Airprox/twissija ta' TCAS/nuqqas ta' separazzjoni/kolliżjoni għal naqra fl-ajru/kolliżjoni fl-ajru
OTHR	Oħrajn
RAMP	Maniġġ fuq l-art
RE	Devjazzjoni mir-ranwej
RI-A	Dħul għal għarrieda fir-ranwej — minn animal
RI-VA	Dħul għal għarrieda fir-ranwej — minn vettura, inġenju tal-ajru jew persuna
SCF-NP	Ħsara jew ħidma ħażina ta' sistema/komponent (mhux tal- <i>powerplant</i>)
SCF-PP	Ħsara jew ħidma ħażina ta' sistema/komponent (<i>tal-powerplant</i>)
SEC	Relatat mas-sigurtà
TURB	Turbolenza
UNK	Mhux magħruf jew mhux iddeterminat
USOS	Inżul l-art qabel tibda r-ranwej (<i>undershoot</i>)/qbiż tar-ranwej waqt it-tluġh jew l-inżul (<i>overshoot</i>)
WSTRW	Maltempata ta' riħ qawwi jew maltempata bir-ragħad u s-sajjetti

Il-kategoriji tal-inċidenti jistgħu jintużaw biex jikklassifikaw l-avvenimenti f'livell għoli biex titħalla ssir l-analiżi tad-dejta. Is-CICTT żviluppa l-kategoriji tal-inċidenti użati f'din ir-*Reviżjoni annwali tas-sigurtà*. Għal aktar dettalji dwar dan it-tim u l-kategoriji tal-inċidenti ara s-sit elettroniku (<http://intlaviationstandards.org/index.html>).

Appendiċi 3: Lista tal-figuri u tat-tabelli**A3-1: Lista ta' figuri**

Figura 1	Vittmi totali tal-passiġġieri għal kull 100 miljun mil/passiġġier, operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali skedati, esklużi atti ta' interferenza illegali	07
Figura 2	Rata kumplessiva ta' inċidenti li jinvolve vittmi fost il-passiġġieri għal kull 10 miljun titjira, operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali skedati, esklużi atti ta' interferenza illegali	08
Figura 3	Rata ta' inċidenti fatali għal kull 10 miljun titjira għal kull reġjun fid-dinja (2000–07, operazzjonijiet skedati tal-passiġġieri u tal-merkanzija)	09
Figura 4	Inċidenti fatali — Irreġistrati barra u dawk irreġistrati fl-Istati Membri tal-EASA	11
Figura 5	Rata ta' inċidenti fatali f'operazzjonijiet skedati tal-passiġġieri — reġistrazzjonijiet Stati Membri tal-EASA u barranin	11
Figura 6	Inċidenti fatali skont it-tip ta' operazzjoni — Ajruplani rreġistrati f'pajjiżi terzi	13
Figura 7	Inċidenti fatali skont it-tip ta' operazzjoni — Stati Membri tal-EASA	13
Figura 8	Kategoriji ta' inċidenti — Stati Membri tal-EASA	14
Figura 9	Perċentwal ta' inċidenti assenjati fl-ogħla erba' kategoriji u fil-kategorija CFIT	15
Figura 10	Numru ta' inċidenti fatali — Ħelikopters irreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u f'pajjiżi terzi	17
Figura 11	Inċidenti fatali għal kull tip ta' operazzjoni — ħelikopters irreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u f'pajjiżi terzi	17
Figura 12	Kategoriji ta' inċidenti ta' inċidenti fatali — ħelikopters irreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u f'pajjiżi terzi	19
Figura 13	Il-proporzjon tal-erba' kategoriji ta' inċidenti fuq quddiem — Inċidenti fatali — Operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bil-ħelikopters, Stati Membri tal-EASA u l-bqija tad-dinja.	20
Figura 14	Ajruplani li jiżnu aktar minn 2 250 kg — Inċidenti fatali — Stati Membri tal-EASA	21
Figura 15	Ħelikopters li jiżnu aktar minn 2 250 kg — Inċidenti fatali, Stati Membri tal-EASA	21
Figura 16	Avjazzjoni Ġenerali — Ajruplani li jiżnu aktar minn 2 250 kg — Inċidenti fatali, inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u f'pajjiżi terzi	23
Figura 17	Xogħol fl-ajru — Ajruplani li jiżnu aktar minn 2 250 kg — Kategoriji ta' inċidenti fatali	24
Figura 18	Inċidenti fatali fl-avjazzjoni għal negozju, irreġistrati fi Stati Membri tal-EASA u f'pajjiżi terzi	25
Figura 19	Inġenji tal-ajru li jiżnu inqas minn 2 250 kg, Stati Membri tal-EASA — Inċidenti fatali, tip ta' operazzjoni, 2006–07	27
Figura 20	Inġenji tal-ajru li jiżnu inqas minn 2 250 kg, Stati Membri tal-EASA — Inċidenti fatali, kategorija ta' inġenji tal-ajru, 2006–07	27
Figura 21	Ajruplani li jiżnu inqas minn 2 250 kg, Stati Membri tal-EASA — Distribuzzjoni tal-kategoriji ta' inċidenti, 2006	28
Figura 22	Ajruplani li jiżnu inqas minn 2 250 kg, Stati Membri tal-EASA — Distribuzzjoni tal-kategoriji ta' inċidenti, 2006	28
Figura 23	Numru ta' ADs u ADs urġenti maħruġa fl-2007	32

A3-2 Lista ta' tabelli

Tabella 1	Ħarsa ġenerali lejn in-numru totali ta' inċidenti u ta' inċidenti fatali għal inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stati Membri tal-EASA	10
Tabella 2	Ħarsa ġenerali lejn in-numru totali ta' inċidenti u inċidenti fatali għall-ħelikopters irreġistrati fi Stati Membri tal-EASA biss.	16
Tabella 3	Inġenji tal-ajru li jiżnu aktar minn 2 250 kg — Numru ta' inċidenti, inċidenti fatali u vittmi skont it-tip tal-inġenju tal-ajru u t-tip tal-operazzjoni — Inġenju tal-ajru rreġistrat fi Stati Membri tal-EASA biss	22
Tabella 4	Inċidenti, inċidenti fatali u vittmi relatati — Inġenji tal-ajru b'piż inqas minn 2 250 kg, imqassma skont is-sena u l-kategorija tal-inġenju tal-ajru	26
Tabella 5	Żjarat ta' standardizzazzjoni	31

Appendiċi 4: Lista ta' inċidenti fatali (2007)

It-tabelli li ġejjin jinkludu lista ta' inċidenti fatali fl-2007 b'operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru b'ajruplani li jiżnu aktar minn 2 250 kg b'ħala massa massima ċċertifikata għat-tluġh biss.

Stat Membru

Data	Stat fejn seħħ	Tip ta' inġenju tal-ajru	Tip ta' operazzjoni	Vittmi abbord	Vittmi fuq l-art
25.1.2007	Franza	Fokker 100	Passiġġieri	0	1
9.8.2007	Il-Polineżja Franċiża	De Havilland DHC6-300	Passiġġieri	20	0
9.12.2007	L-Ukraina	Beech 90 King Air	Passiġġieri	5	0

Inġenji tal-ajru rreġistrati fil-bqija tad-dinja (irreġistrati b'ħala barranin)

Data	Stat fejn seħħ	Tip ta' inġenju tal-ajru	Tip ta' operazzjoni	Vittmi abbord	Vitmi fuq l-art
1.1.2007	L-Indoneżja	Boeing 737-400	Passiġġieri	102	0
5.1.2007	It-Tanzanija	Piper PA-31-350	Passiġġieri	1	0
5.1.2007	Is-Sudan	Antonov An-26B	Passiġġieri	0	1
7.1.2007	Il-Kanada	Beech 100 King Air	Taxi bl-ajru	1	0
9.1.2007	L-Iraq	Antonov An-26B	Passiġġieri	34	0
9.1.2007	Il-Messiku	Learjet 24	Merkanzija	2	0

Data	Stat fejn seħħ	Tip ta' inġenju tal-ajru	Tip ta' ope-razzjoni	Vittmi abbord	Vitmi fuq l-art
12.1.2007	L-Istati Uniti	Cessna 525 Citationjet	Ferry/ pożizzjonament	2	0
18.1.2007	Il-Brażil	Beech 55/95-55 Baron	Taxi bl-ajru	2	0
6.2.2007	L-Istati Uniti	Beech 200 King Air	Ferry/ pożizzjonament	3	0
9.2.2007	L-Istati Uniti	Beech 18	Merkanzija	1	0
12.2.2007	Il-Kongo	McDonnell-Douglas DC-9	Mhux magħrufa	0	1
7.3.2007	L-Indoneżja	Boeing 737-400	Passiġġieri	21	0
14.3.2007	Il-Brażil	North American Commander 500	Taxi bl-ajru	4	0
17.3.2007	Il-Federazzjoni Russa	Tupolev TU-134	Passiġġieri	6	0
23.3.2007	Is-Somalja	Ilyushin IL-76	Merkanzija	11	0
30.3.2007	Il-Papwa Ginea l-Ġdida	Embraer 110 Bandeirante	Merkanzija	2	0
1.4.2007	Il-Kanada	Piper PA-31	Ferry/ pożizzjonament	1	0
25.4.2007	Il-Gujana	Britten-Norman BN-2A Islander	Passiġġieri	3	0
5.5.2007	Il-Kamerun	Boeing 737-800	Passiġġieri	114	0
17.5.2007	Il-Kongo	Let L410UVP	Merkanzija	3	0
2.6.2007	Il-Kanada	De Havilland DHC3 Turbo-Otter	Taxi bl-ajru	1	0
4.6.2007	L-Istati Uniti	Cessna 550 Citation II	Passiġġieri	6	0
15.6.2007	L-Iran	Embraer 110 Bandeirante	Merkanzija	0	1
21.6.2007	Il-Kongo	Let L410UVP	Passiġġieri	1	0
23.6.2007	Il-Jemen	De Havilland DHC6 Twin Otter	Passiġġieri	1	0
25.6.2007	Il-Kambodja	Antonov An-24	Passiġġieri	22	0
28.6.2007	L-Angola	Boeing 737-200	Passiġġieri	5	1
5.7.2007	Il-Messiku	North American Sabreliner	Merkanzija	3	6
8.7.2007	Il-Kanada	De Havilland DHC6 Twin Otter	Passiġġieri	1	0
10.7.2007	L-Istati Uniti	Boeing 737-200	Passiġġieri	1	0

APPENDIĊI

Data	Stat fejn seħħ	Tip ta' inġenju tal-ajru	Tip ta' ope-razzjoni	Vittmi abbord	Vitmi fuq l-art
17.7.2007	Il-Brażil	Airbus A320	Passiġġieri	187	12
18.7.2007	Il-Kongo	Antonov An-24	Passiġġieri	10	0
23.7.2007	L-Etjopja	Antonov An-26	Merkanzija	1	0
24.7.2007	L-Istati Uniti	De Havilland DHC2 Beaver	Eskursjoni turistika	5	0
29.7.2007	Il-Fede-razzjoni Russa	Antonov An-12	Merkanzija	7	0
5.8.2007	L-Istati Uniti	Beech 90 King Air	Passiġġieri	5	0
16.8.2007	L-Istati Uniti	De Havilland DHC2 Beaver	Eskursjoni turistika	5	0
22.8.2007	Il-Brażil	Embraer 110 Bandeirante	Taxi bl-ajru	2	0
26.8.2007	Il-Kongo	Antonov An-32	Merkanzija	10	0
7.9.2007	Il-Kongo	Antonov An-12	Merkanzija	8	0
16.9.2007	It-Tajlandja	McDonnell-Douglas MD 82	Passiġġieri	90	0
20.9.2007	L-Istati Uniti	Short SC.7 Skyvan	Ferry/ pożizzjonament	1	0
24.9.2007	Il-Kongo	Let L410UVP	Passiġġieri	1	0
4.10.2007	L-Istati Uniti	Raytheon 90 King Air	Ferry/ pożizzjonament	3	0
4.10.2007	Il-Kongo	Antonov AN-26	Passiġġieri	17	28
8.10.2007	Il-Kolombja	Let L410UVP	Passiġġieri	18	0
14.10.2007	Il-Kolombja	Beech 200 King Air	Ferry/ pożizzjonament	5	2
25.10.2007	Il-Kanada	Beech 100 King Air	Taxi bl-ajru	2	0
4.11.2007	Il-Brażil	Learjet 35A	Ferry/ pożizzjonament	2	6
8.11.2007	Is-Sudan	Antonov An-12	Merkanzija	0	2
26.11.2007	L-Istati Uniti	Cessna 310R	Ferry/ pożizzjonament	1	0
30.11.2007	It-Turkija	McDonnell-Douglas MD 83	Passiġġieri	57	0
5.12.2007	L-Istati Uniti	Cessna 208 Caravan	Merkanzija	2	0

ÇAĦDA

Id-dejta dwar l-inċidenti li ġiet ippreżentata hija strettament għal skopijiet informattivi biss. Din id-dejta nkisbet mid-databases tal-Aġenzija magħmula minn dejta mill-ICAO u l-industrija tal-avjazzjoni. Hija tirrifletti l-għarfien fil-mument meta tfassal ir-rapport.

Filwaqt li tingħata kull attenzjoni fit-tħejjija tal-kontenut tar-rapport biex jiġu evitati l-iżbalji, l-Aġenzija ma tagħmel ebda garanzija fir-rigward tal-preċiżjoni, il-kontenut jew l-livell ta' aġġornament tiegħu. Sal-punt permess mil-liġijiet Ewropej u nazzjonali, l-Aġenzija ma għandhiex titqies responsabbli għall-ebda għamla ta' ħsara jew għal domandi jew talbiet magħmula bħala riżultat ta' dejta mhux korretta, insuffiċjenti jew invalida, jew li jitfaċċaw minn jew b'konnessjoni mal-użu, l-ikkopjar jew il-wiri tal-kontenut. L-informazzjoni inkluża fir-rapport ma għandhiex tiġi interpretata bħala parir legali.

Għal aktar tagħrif jew kjarifiki dwar dan id-dokument jekk jogħġbok agħmel kuntatt mad-Dipartiment tal-Komunikazzjoni tal-EASA (communications@easa.europa.eu).

It-tagħrif dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni huwa disponibbli wkoll fuq l-Internet (www.easa.europa.eu).

IMPRINT (Isem u indirizz tal-pubblikatur)

Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni
Id-Dipartiment għar-Riċerka u Analiżi tas-Sigurtà
Ottoplatz 1
D-50679 Cologne

Tel. (49-221) 89 99 00 00
Fax (49-221) 89 99 09 99

www.easa.europa.eu

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors.



EASA

Ottoplatz 1, 50679 Cologne, Germany
www.easa.europa.eu

TO-AA-08-001-MT-C